MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1174/2011

GasanMamo Insurance Limited [C3143]
vs
1. Alexander Jan Edward Van Reeven [Nru. Tal-Passaport Olandiz NF3121922]
u
2. Jeanette Marie Van Reeven [ID: 18086A]
in solidum u bejniethom

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi fl-20 ta' Ottubru, 2008 is-socjeta` GasanMamo harget polza assikurattiva bin-numru 76560502FBE763 tat-tip "*Third Party Fire & Theft*" fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763 proprjeta` ta' l-intimata Jeanette Marie van Reeven; liema polza kienet tkopri lill-assikurata u lil kull sewwieq awtorizzat minnha skond it-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-istess polza;

2. Illi fil-5 ta' Jannar, 2009, waqt illi l-vettura imsemmija kienet qed tinstaq fi Triq Ghajn Dwieli, Paola, mill-intimat Alexander van Reeven, bin l-assikurata tas-socjeta` rikorrenti, sehh incident awtomobilistiku illi fih kienu nvoluti wkoll il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBV 384 proprjeta` ta' Emmanuel Lawrence Schembri, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBT 075 proprjeta' ta' Maria Katarina Schembri, kif ukoll proprjeta' privata ta' Stephen Attard – u dana bhalma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija anness fir-rikors u mmarkat bhala **Dok. GMI. 1**;

3. Illi fil-hin ta' l-incident, l-intimat Alexander van Reeven, irraporta lill-Pulizija li l-vettura tieghu kienet giet nieqsa waqt illi kien halliha ipparkjata f'Tas-Sliema, u mistoqsi kif kien sehh l-incident qal "*I wouldn't have a clue*", u dana bhalma jirrizulta mill-istess rapport **Dok. GMI. 1**;

4. Illi permezz ta' *claim* irregistrata mill-intimati mas-socjeta' rikorrenti fis-6 ta' Jannar, 2009, l-intimat Alexander van Reeven iddikkjara illi kien xorob "*a couple of beers*" fl-istabbiliment 'Black Gold' f'Tas-Sliema, u wara illi telaq minn Tas-Sliema u kien qed isuq lejn il-Birgu tilef il-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763, ikkawza l-incident *de quo* u telaq minn fuq il-post ta' l-incident allegatament biex isejjah il-Pulizija. Waqt illi kien miexi lejn id-dghajsa tieghu fil-Birgu, il-Pulizija kkuntattjaw lill-ommu l-intimata Jeanette Marie van Reeven, illi qaltilhom illi l-vettura kienet qed tinstaq minn binha l-intimat Alexander van Reeven, illi qaltilhom illi l-vettura kienet qed tinstaq minn binha l-intimat Alexander van Reeven. Mistoqsi il-ghalfejn irraporta serqa tal-vettura lill-Pulizija, l-intimat Alexander van Reeven qal illi "*I would not have a clue*", u li ma kellux ideja ghal xiex kienu qed jghidu l-Pulizija fir-rapport taghhom. L-intimat Alexander van Reeven zied ukoll jghid illi kien xorob erba' fliexken (presubbilment tal-birra) – u dana bhalma jirrizulta mill-*claim form* anness fir-rikors u mmarkat bhala **Dok. GMI. 2**;

5. Illi ghaldaqstant u *ex admissis*, l-intimat Alexander van Reeven kien qed isuq il-vettura in kwistjoni taht l-

influenza tax-xorb, u b'hekk kiser it-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-istess polza;

6. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, datata 24 ta' Frar, 2009, l-intimat Alexander van Reeven instab hati fuq l-akkuza illi ghamel rapport falz illi Pulizija in konnessjoni mal-incident *de quo*, u dana bhalma jirrizulta mill-kopja tas-sentenza annessa fir-rikors u mmarkata bhala Dok. GMI.3, u minhabba f'hekk ukoll kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza in kwistjoni illi jirrikjedu illi l-assikurat izomm lis-socjeta' rikorrenti f'relazzjoni *in uberrimae fides*, u li jzomm l-oghla livelli ta' onesta` u genwinita` f'kull hin u mument sa fejn dan huwa relatat ma' xi *claim* li jkun ghamel mal-istess socjeta` rikorrenti;

7. Illi in segwitu ta' arbitragg ipprezentat fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fl-ismijiet "*Maria Katerina Schembri –vs- Jeanette Marie van Reeven u Alexander van Reeven"* [Arb. Nru. M1998/2009] u deciz permezz ta' lodo moghti mill-arbitru Av. Joseph M. Buttigieg fil-11 ta' Mejju, 2010, l-intimat Alexander van Reeven gie ddikjarat bhala risponsabbli ghall-incident in kwistjoni, u s-socjeta' rikorrenti hallset lil Maria Katerina Schembri s-somma ta' ghaxart elef u hamsa u sittin Euro u disgha u hamsin Eurocentezmi (€10,065.59) in linea ta' danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini ta' l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta – **Dok. GMI. 4** u **Dok.GMI. 5**;

8. Illi in segwitu ta' arbitragg ipprezentat fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fl-ismijiet "*Emmanuel Schembri –vs- Jeanette Marie van Reeven u Alexander van Reeven"* [Arb. Nru. M2000/2009] u deciz permezz ta' lodo moghti mill-arbitru Av. Richard Galea Debono fit-8 ta' April, 2010, l-intimat Alexander van Reeven gie ddikjarat bhala risponsabbli ghall-incident in kwistjoni, u s-socjeta' rikorrenti hallset lil Emmanuel Schembri s-somma ta' ghaxart elef erba' mija u disgha u tmenin Euro u tlieta u erbghin Eurocentezmi (€10,489.43) in linea ta' danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel

ai termini ta' l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta – **Dok. GMI. 6** u **Dok.GMI. 7**;

9. Illi *inoltre* dawn l-ispejjez, is-socjeta` rikorrenti hallset ukoll is-somma ta' erbgha u disghin Euro u tmienja u disghin Eurocentezmi (€94.98) ghal *survey reports* illi saru fuq il-vetturi tat-terzi persuni involuti;

10. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti sal-lum soffriet danni ammontanti komplessivament fl-ammont ta' **ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00)**;

11. Illi ghal dawn id-danni jahtu l-intimati *in solidum* u bejniethom, u dana *stante* li l-intimata Jeanette Marie van Reeven ippermettiet illi l-vettura assikurata f'isimha tinstaq minn persuna illi kienet qed issuq fi stat intossikat; u *stante* illi l-intimat l-iehor Alexander van Reeven kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni, u dana fuq premess;

12. Illi interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficcjali datata 26 ta' Novembru, 2009, l-intimati baqghu inadempjenti; u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni;

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li bl-eghmil taghhom l-intimati ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 76560502FBE763 mahruga mis-socjeta' rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763 proprjeta' ta' l-intimata Jeanette Marie van Reeven;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' **ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00)**, jew kwalunkwe somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati, *in solidum* u bejniethom sabiex ihallsu s-somma hekk illikwidata;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-26 ta' Novembru, 2009, u dak tal-Mandat ta' Inibizzjoni ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha esponew:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta Jeanette Van Reeven ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li diga tezisti decizjoni ta' arbitragg li tezonera kompletament lill-konvenuta Jeanette Van Reeven. Din id-decizjoni hija fl-ismijiet **Maria Katerina Schembri vs Jeanette Marie Van Reeven et**. deciza fil-11 ta' Mejju, 2010 mill-Arbitru Dr. Joseph M. Buttigieg. Ghalhekk jezisti gudikat ghar-rigward ta' l-incident in kwistjoni u konsegwentement il-lodo l-iehor citat moghti mill-Arbitru Dr. Richard Galea Debono li jidher li huwa kontradittorju ghal dan m'ghandux ikollu effett fejn dan jaffettwa lill-konvenuta.

2. Illi minghajr pregudizzju u preliminarjament ukoll il-proceduri arbitrali imsemmija kien gew kontestati fuq indoli kostituzzjonali. Fil-frattemp inghatat decizjoni (H. Vassallo & Sons Ltd. vs Avukat Generali, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2011) fejn gie dikjarat illi tali proceduri ta' arbitragg mandatarju effettivament ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali ta' smiegh xieraq. F'dawn ic-cirkostanzi d-decizjonijiet a bazi ta' liema s-socjeta` attrici qed tipprocedi f'din il-kawza qed jigu kontestati.

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront tal-konvenut Alexander Van Reeven *stante'* illi huwa ma kienx taht l-influwenza tax-xorb meta sehh l-incident u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-

kawza u ghalhekk ma kiser l-ebda kundizzjonijiet tal-polza. B’konsegwenza ta’ dan xejn mhu dovut minnu lis-socjeta’ attrici.

4. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Jeanette Van Reevan ukoll ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan *stante* illi l-konvenuta wkoll ma kisret l-ebda kundizzjoni tal-polza meta ppermettiet lil binha isuq il-vettura in kwistjoni u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju d-danni reklamati huma eccessivi.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta’ xhieda pprezentata mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat is-sentenza preliminari fil-kawza odjerna, moghtija fis-seduta tal-11 ta’ Frar, 2013, fejn il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimata Jeanette Van Reeven.

Illi fil-11 ta’ Frar, 2013 il-Qorti ordnat li jsiru l-provi dwar it-tieni eccezzjoni u fosthom li:
1)Li tat zmien lill-partijiet jesebixxu permezz ta’ nota kopja tad-decizjonijiet kollha tal-kawza fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Limited vs Avukat Generali**;

2)Sentenza ta’ l-Onor. Imhallef Magri tal-Qorti Civili Prim’Awla li fiha l-Qorti allegatament cahdet it-talbiet ta’ l-intimata (fol 59-1.13);
3)Dikjarazzjoni li l-lodi msemmija ma gewx impunjati;

4)Sentenzi fil-kawza fl-ismijiet **Muscat vs Prim Ministru** 41/08.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***It-tieni eccezzjoni:***

Is-socjeta` rikorrenti qed issostni li l-intimat kien ikkawza incident li b'konsegwenza tieghu kkawza danni lil terzi. Dawk it-terzi pprocedew b'arbitraggi mandatarji fil-konfront tieghu u ta' sid il-vettura. Is-socjeta` rikorrenti ssottomettiet illi *qua* socjeta` assikuratrici ta' l-intimati, giet imgieghla thallas lit-terzi u issa qed tipprova tirkupra dik is-somma mill-intimati. L-intimati qatt ma ssottomettew ruhhom ghall-gurisdizzjoni tac-Centru Malti ghall-Arbitragg.

L-intimati jsostnu wkoll li sussegwentement kienet inghatat sentenza mill-Qrati taghna li l-ligi li waqqfet l-arbitraggi mandatarji ma tipprovdix smiegh xieraq u rreferew ghas-sentenza fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Ltd. vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru, 2011. Irreferew b'mod partikolari ghal dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn qalet hekk:
"…tiddikjara illi l-Arbitragg mandatorju bhala effett tal-Artikoli 1.3 tar-Raba' skeda tal-Att Dwar l-Arbitragg fid-dawl tal-Artikolu 15(11) tal-istess Att, huwa leziv tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenjoni Ewropea kif inkorporata fil-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319)."

L-intimati rreferew ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Prokuratur Legali George Scicluna vs Avukat Generali *et*** deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Ottubru, 2010, (Rikors Numru 2/2002/1RCP) u b'mod partikolari ghall-kliem:
"…dan ifisser li kif inghad fil-kawza **"Paola sive Pawlina Vassallo vs Marija Dalli"** (P.A. (RCP) -30 ta' Ottubru 2008) tali decizjoni la darba ddikjarat artikolu tal-ligi bhala nulli u bla effett ghaliex immoru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, mela allura b'effett tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, li jiddikjara li kull ligi li hija nkonsistenti

mal-Kostituzzjoni, ghandha "tkun bla effett" ghaliex hija "din il-Kostituzzjoni (li) ghanda tipprevali", din taghmel stat *erga omnes* u mhux biss bejn il-partijiet.

Illi dan ghaliex kif inghad fl-istess sentenza “li konsistentement ma' dak li jinghad fl-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, meta l-Qorti ssib li xi ligi tikser il-Kostituzzjoni jew xi dritt fundamentali mhares minnha jew mill-Konvenzjoni, ma jidhirx li jkun sewwa li dik il-ligi tibqa' tithaddem jew jinghataw bis-sahha taghha rimedji li xi parti f'kawza, bla ma qorti nnfisha tkun qieghda, bit-thadim ta' dik l-istess ligi, tikser ukoll il-Konvenzjoni jew Kostituzzjoni. "Huwa minnu li l-ebda sentenza ma thassar ligi - l-ghamil u t-thassir ta' ligi hija esklussiva tal-Parlament - izda meta b'sentenza xi ligi titqies li hija nulla u bla effett, hadd m'ghandu jistenna li xi Qorti tapplika ligi bhal dik fi kwistjoni li titqajjem quddiema, sempliciment ghaliex il-Parlament ma jkunx (ghadu) hassarha wara s-sentenza bhal dik".

"Il-Qorti thoss li la darba tali disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-konvenuta gew iddikjarati nulli u bla effett u dan ghaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza ghaddiet In gudikat, in vista tal-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** din il-Qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess ligi hija inkonsistenti ma' dan, dik il-ligi skont l-istess artikolu ghandha tigi kkonsidrata bhala nulla u bla effett u dan indipendentement mill-fatt jekk l-organu legislattiv jiehux il-passi sabiex inehhi l-istess ligi jew jevita tali ksur. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 242 tal-Kap. 12** fuq citat li applikat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta l-kawza marret dezerta fis-16 ta' Ottubru 2006, u allura d-decizjoni ghaddiet in gudikat. Fil-verita' dan kollu juri li l-Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-ghola ligi fil-pajjiz u artikoli citati huma konferma tal-istess. Din il-Qorti bir-rispett thoss li hija doveruz ghaliha li tapplika l-istess disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, u dan kemm sabiex tigi esegwita l-istess Kostituzzjoni u wkoll ghaliex thoss li ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn ligi tigi ddikjarata nulla ghaliex tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u

allura ma tkunx applikabbli bejn xi persuna, u min-naha l-ohra jkun hemm decizjoni fejn tapplika l-istess ligi ghall persuni ohra - dan iktar u iktar fejn il-ligi ghandha tkun l-istess u applikabbli ghall-kullhadd u dan in omagg ghal *Rule of Law*. Dan iktar u iktar meta ligi tigi ddikjarata mill-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali bhala nulla u bla effett u allura l-istess ligi ma tistax, minhabba d-disposizzjonijiet tal-istess Kostituzzjoni, ma tibqax applikabbli u dan *erga omnes*. L-argument l-iehor johloq ligi ghall xi persuni u ligi ohra ghall-persuni ohra - haga li mill-*punto di vista* legali u iktar fl-ambitu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-bniedem lanqas ghandha tigi kkunsidrata ghaliex tohrog incertezza u ingustizzja manifesta. Kien fuq dan il-binarju li nghatat is-sentenza **"Maria Azzopardi vs Saver Sciortino"** (P.A. (RCP) - 31 ta' Jannar 2007)."

Pero` r-rikorrenti irrilevat "...illi l-proceduri li kienu nbdew minnhom f'Lulju tas-sena 2009 sabiex l-arbitraggi msemmija f'din il-kawza jigu dikjarati bhala anti-kostituzzjonali fil-fatt gew michuda minn dina l-Onorabbli Qorti diversement ippresedjuta.  Fil-fatt, permezz ta' sentenza ta' l-Onor. Imhallef Alberto Magri dina l-Qorti cahdet it-talba ta' l-intimati rikorrenti f'dawk il-proceduri) fejn dawn kienu talbu li l-pendenzi quddiem ic-Centru Malti ta' l-Arbitragg jigu ddikjarati li jmorru kontra l-provizjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u ordnat il-prosegwiment ta' l-arbitraggi."

Il-Qorti tosserva pero` li r-rikorrenti ma tatx id-data tas-sentenza u anqas preciz il-Qorti ghalkemm semma din l-Onorabbli Qorti.  Ir-rikorrenti ddeplorat li l-intimati ma nfurmawx lill-Qorti izda irrizulta li s-socjeta` rikorrenti ma kenitx preciza f'dak li qalet.  Irrizulta li l-intimati kienu pprezentaw Mandat ta' Inibizzjoni numru 1256/2009 fejn talbu li c-Centru Malti ghall-Arbitraggi jigi inibit milli jkompli jisma' l-proceduri ta' arbitragg relattivi sakemm tigi deciza l-kawza kostituzzjonali li dak iz-zmien kienet ghadha pendenti fl-ismijiet **Muscat vs l-Onor. Prim Ministru *et*** (Rik. Nru. 41/08GV) liema kawza kienet titratta proprju il-kostituzzjonalita' tal-ligi ta' l-arbitragg mandatarju.  Dan il-mandat kien gie michud, pero` ma kien hemm l-ebda proceduri kostituzzjonali inizzjati mill-intimati.

Il-kawza citata **Muscat vs l-Onor. Prim Ministru *et*** (Rikors Nru. 41/08GV) kienet giet deciza favur ir-rikorrent fil-prim'istanza fid-29 ta' Mejju, 2009 pero` giet revokata mill-Qorti Kostituzzjonali (VDG, JF, GCD) fis-6 ta' Settembru, 2010 fejn il-Qorti Kostituzzjonali laqghet l-appell u helset lill-Prim'Ministru mill-harsien tal-gudizzju u cahdet it-talbiet maghmula mir-rikorrent.

L-intimati rreferew ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali [AJM, GV, TM] fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Ltd. vs Avukat Generali** (Rik. Nru. 31/08), deciza fit-30 ta' Settembru, 2011, appellata minn sentenza tal-11 ta' Marzu, 2010 (AL). Il-Prim'Awla kienet ippronunzjat ruhha hekk:
"Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi tiddikjara illi l-Arbitragg mandatarju bhala effett tal-Artikoli 1.3 tar-Raba skeda tal-Att Dwar l-Arbitragg fid-dawl tal-Artikolu 15(11) ta' l-istess Att, huwa leziv tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) u dan ghat-tlett aggravji imsemmija fir-rikors promotur, u ghaldaqstant tiddikjara illi l-proceduri ta' arbitragg bin-numru EW1253/2007, fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma *pro et noe* vs H. Vassallo & Sons Limited** huma nulli."
Fl-appell l-Onor. Qorti Kostituzzjonali cahdet l-appell u s-sentenza appellata giet konfermata b'ordni li kopja tad-decizjoni tintbaghat lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-deputati.

L-intimati rreferew ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Ltd. Vs Micallef Victor *et*** (Rik. Nru. 81/11TM*)* deciza mill-Prim'Awla fil-25 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti kkonkludiet:
"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, twiegeb ghar-referenza li saritilha mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-sens li tqis li l-procedura ta' arbitragg mandatorju mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Artikolu 15 (11) tal-Kap. 387 (Att dwar Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta, kif kienu applikabbli ghal dan il-kaz,

imur kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu kollha mill-Avukat Generali.

Tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi inserita fil-process tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), numru 17/09 RCP, li giet differita *sine die* fl-10 ta' Jannar 2012, pendenti l-ezitu finali ta' dawn il-proceduri."

Pero` l-Qorti Kostituzzjonali (SC, GCD, NC) fil-25 ta' Jannar, 2013 ikkonkludiet:
"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u twieġeb hekk għar-referenza magħmula mill-Qorti tal-Appell: il-proċeduri ta' arbitraġġ obbligatorju fl-ismijiet premessi mmexxija taħt l-Avviż Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Att dwar Arbitraġġ [Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta] ma jmorrux kontra d-dispożizzjonijet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Appell biex jitkompla s-smigħ."

Mir-ricerka li ghamlet il-Qorti jirrizulta s-sentenza fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Limited vs Avukat Generali et** tinsab riferuta quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan iwassal li hemm sentenzi konfliggenti fuq is-suggett, ghalkemm l-ahhar wahda hija fid-direzzjoni li proceduri ta' arbitragg obligatorju ma jmorrux kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

Ir-rikorrenti targumenta li:
"...l-arbitraggi in kwistjoni llum huma *res judicata*. L-intimati kienu partijiet f'dawk l-arbitraggi u kellhom kull jedd kieku riedu li javvantaw id-drittijiet taghhom kostituzzjonali fit-termini previsti mil-ligi. Dan, ghal ragunijiet illi jafuhom huma biss ma ghamluhx u sal-lum,

independentement minn kwalsiasi sentenza jew decizjoni li setghet giet ippronuncjata mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, jibqa' l-fatt illi l-arbitraggi li l-intimati jillanjaw dwarhom baqghu ma gewx impunjati minnhom stess ghalkemm kellhom kull jedd u setgha sabiex jaghmlu dan. Is-socjeta` attrici, da parti taghha qatt ma kienet parti mill-arbitraggi *de quo*, u kwindi ma kellha l-ebda *locus standi* sabiex tinterponi appell jew rikors hi stess quddiem il-Qorti Kostituzzjonali sabiex il-lodi in kwistjoni jigu mpunjati b'xi mod. Dan kien dritt illi kien jispetta lill-intimati Van Reeven, u ladarba huma ghazlu illi ma jimpunjawx dawk l-arbitraggi, mela allura d-difiza taghhom illi dawn ghandhom jitwarrbu f'dan l-istadju huwa argument ghal kollox bla bazi u nieqes mil-logika li titlob illi wiehed ma jistax jilmenta minhabba nuqqas tieghu stess."

Illi r-rikorrenti pprezentat nota b'zewg dokumenti tac-Centru Malti Ghall-Arbitragg li permezz taghha gie dikjarat li c-Centru ma gie notifikat b'ebda appell mill-kazijiet ta' arbitraggi relevanti.

**E: KONKLUZJONIJIET:**

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ghalkemm hemm sentenzi li jiddikjaraw li jhossu li l-procedura ta' l-arbitragg mandatarju tmur kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u hemm ohrajn inkluz l-aktar recenti li jghidu li din ma tmurx, u nkluz il-fatt li hemm il-kawza fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Limited vs Avukat Generali *et*** pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u peress li l-intimati qatt ma kienu ntavolaw proceduri f'dan ir-rigward, il-Qorti thoss li ghandha tichad it-tieni eccezzjoni ta' l-intimati.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet l-ohra.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Tiddifferixxi l-kawza ghas-6 ta' Dicembru, 2013 fid-9.15 a.m. biex il-Qorti tigi nfurmata dwar xi provi fadal.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------